MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 523/1997/1

**Ċitazz. Nru. 523/97JRM**

Joseph **CAMILLERI**

vs

Paul **ABELA**, Lino Chircop, Anthony Chircop u Paul Vassallo għal kull interess li jista' jkollu

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-7 ta' Marzu, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-Qorti (a) tordna lill-imħarrkin jifirdu l-ħanut li jinsab fuq

wara tal-istabiliment bl-isem ta' "*Napoleon's Pub*" fi Triq Ball, Paċeville, mill-bqija ta' dak l-istabiliment li miegħu hu mniffed; (b) tordna l-qasma tal-imsemmi ħanut, billi l-attur jingħata nofsu u l-imħarrkin jingħataw in-nofs l-ieħor; u (ċ) li, f'każ li l-ħanut ma jistax jinqasam bla xkiel, tordna l-bejgħ tal-ħanut b'liċitazzjoni, billi l-attur jirċievi nofs id-dħul mill-imsemmi bejgħ, filwaqt li l-imħarrkin jirċievu bejniethom in-nofs l-ieħor mid-dħul. Talab ukoll il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-30 ta' Jannar, 1998, mill-imħarrkin Paul Abela, Lino Chircop u Anthony Chircop, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, fl-ewwel lok, qalu li s-sidien waħdanin tal-istabiliment "*Napoleon's Bar*" huma l-imħarrkin Lino u Anthony Chircop u mart l-imħarrek Abela, li jisimha Mary, u li l-attur m'għandu l-ebda sehem minnu. Warrbu t-talbiet attriċi bħala mhux mistħoqqa, għaliex l-awtur tal-attur qatt ma kien komproprjetarju tal-ħanut u għalhekk qatt ma seta' jgħaddi xi sehem minnu lill-attur;

Rat li l-imħarrek Paul Vassallo ma ressaq l-ebda Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-8 ta' Mejju, 1998 li bih ħalliet il-kawża *sine die* wara li rat li l-attur kien naqas li jwettaq dak li kienet ordnatlu jagħmel b'degriet tagħha tas-6 ta' April, 1998[1];

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Lulju, 1998, li bih reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ wara li l-attur kien ressaq kopja tal-kuntratt b'Nota tad-29 ta Mejju, 1998;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet quddiem il-Qorti;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Marzu, 2005[2], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi;

---

[1] Paġġ. 13 – 4 tal-proċess
[2] Paġ. 105 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Ġunju, 2005[3], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħhom permezz ta' Noti ta' Osservazzjonijiet;

Rat li l-ebda waħda mill-partijiet ma ressqet is-sottomissjonijiet tagħha sa Ottubru tal-2006;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-attur (reġistrata)[4] dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin, u reġgħet tat żmien lill-imħarrkin biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom b'Nota;

Rat li l-imħarrkin, għal darb'oħra, naqsu li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom;

Rat is-sentenza tagħha tad-29 ta' Mejju, 2008[5], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2008, li bih tat żmien ieħor lill-attur biex iressaq kopja tal-pjanta msemmija fis-sentenza;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-imħarrkin;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Mejju, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal qasma ta' ġid miżmum bejn iżjed minn sid wieħed u għal-liċitazzjoni tal-istess ġid f'każ li l-post ma jistax jinqasam bejn is-sidien bla xkiel. L-attur

[3] Paġ. 106 tal-proċess
[4] Paġġ. 113 – 4 tal-proċess
[5] Paġġ. 121 – 9 tal-proċess

jgħid li huwa sid, flimkien mal-imħarrkin, ta' bini li jservi ta' ħanut, f'Paċeville, u li huwa mniffed ma' stabiliment bl-isem ta' "*Napoleon's Pub*". Huwa qiegħed jitlob li l-imħarrkin jerġgħu jifirdu l-ħanut mill-imsemmi stabiliment, u li ssir il-qasma tal-ħanut billi ma jridx jibqa' f'komproprjeta'magħhom;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin (kollha minbarra Paul Vassallo, li ma ressaq l-ebda eċċezzjoni) laqgħu billi qalu li l-attur m'għandu l-ebda sehem fil-ħanut li hu jrid li jaqsam. Laqgħu wkoll billi qalu li t-talbiet tiegħu m'humiex mistħoqqa;

Illi b'sentenza *in parte* mogħtija fit-28 ta' Mejju, 2008, din il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li b'kuntratt tat-18 ta' Frar, 1991[6], l-imħarrek Paul Vassallo u l-attur (aktar 'il quddiem magħruf bħala "Yorkie") kienu iddikjaraw li huma kienu debituri ta' wieħed Joseph Camilleri (aktar 'il quddiem magħruf bħala "Qoni") fis-somma ta' Lm 18,000 u Lm 22,000 rispettivament bħala "bilanċ ta' prezz tal-bejgħ tal-*goodwill* tal-fond ġestit bħala ħanut taħt l-isem ta' '*Napoleon's Pub*'". Fuq l-istess kuntratt, Yorkie ħallas lura dejnu lill-Qoni b'karozza (stmata li tiswa Lm 14,000) u billi għadda lil Qoni d-"drittijiet tiegħu kollu illi għandu jew illi għad jista' jkollu skond il-każ naxxenti mil-lokazzjoni tal-kamra indicata bl-ittra "A" fuq il-pjanta annessa ma' dana l-att (u contro iffirmat mill-partijiet) aċċessibbli mill-imsemmi ħanut '*Napoleon's Pub*'". F'dak l-istess kuntratt, Qoni ntrabat li jibni, bi spejjeż tiegħu, kamra "li ser isservi bħala *bar* fuq in-naħa ta' wara tal-ħanut '*Napoleon's Pub*'". F'dak l-att ukoll, Yorkie kiseb mingħand Qoni n-nofs mhux maqsum ta' ħanut li wieħed jidħol għalih mill-istabiliment bl-isem ta' "*Napoleon's Pub*" f'numri 21 u 22, Triq Ball, Paċeville, u kif ukoll minn *driveway* privata li tinsab wara l-imsemmi ħanut u li tisbokka fi Triq il-Wilġa, Paċeville, bil-prezz ta' Lm 1,000;

---

[6] Dok "XX", f'paġġ. 16 sa 21 tal-proċess

Illi flimkien mal-imsemmi ħanut, Qoni għadda lil Yorkie wkoll l-avvjament tal-istabiliment "*Napoleon's Pub*" bil-prezz ta' Lm 20,000;

Illi jirriżulta li, għal xi żmien, Qoni kien imexxi l-imsemmi stabiliment b'titolu ta' lokazzjoni flimkien ma' l-imħarrek Paul Vassallo, iżda f'Novembru tal-1990[7] hu kien għaddielu s-sehem tiegħu mill-istess inkwilinat u l-avvjament tal-istabiliment. Minn dak iż-żmien ma kienx daħal aktar fl-istabiliment[8]. Il-kawża nfetħet fi Frar tal-1997;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ taħt eżami, għandu jingħad li, wara li l-Qorti kienet ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin dwar jekk huwiex minnu jew le li l-attur tassew għandu sehem mill-istabili msemmijin minnu, tat opportunita' kemm-il darba lill-istess attur biex iressaq il-provi li jidhirlu xierqa u meħtieġa biex iwassal il-każ tiegħu għal tmiemu. L-attur baqa' ma wettaqx dan id-dmir u ntwera ċar li, billi jistrieħ biss fuq dak li joħroġ mill-kuntratt minnu esebit, ma kienx se' jkun biżżejjed biex din il-Qorti tqis kif jixraq it-talba tiegħu. Baqa' ma wettaq qatt l-ordni tagħha (fis-sentenza *in parte* mogħtija f'Mejju tal-2008) biex iressaq kopja tal-pjanta li suppost kienet mehmuża mal-kuntratt li bih kiseb is-sehem pretiż minnu f'din il-kawża;

Illi f'din il-kawża, l-attur ressaq tliet talbiet: fl-ewwel waħda jitlob li l-imħarrkin jissegregaw il-parti tal-fond li huwa jaċċetta li huwa tagħhom waħedhom mill-parti li huwa jgħid li hu sid tagħha flimkien mal-istess imħarrkin. Filwaqt li fit-tieni u t-tielet talbiet jitlob il-qasma tal-ġid komuni jew, f'każ li dan ma jistax iseħħ, il-bejgħ ta' dak il-ġid b'liċitazzjoni taħt l-awtorita' tal-Qorti;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin baqgħu jisħqu fuq il-linja tagħhom li l-attur m'għandu l-ebda sehem mill-ġid li huwa jgħid li jżomm flimkien magħhom. Huma ressqu sensiela ta' provi dokumentali b'riżultati ta' riċerki ta'

[7] Dok "JCQ" f'paġġ. 84 – 5 tal-proċess
[8] Xhieda tiegħu 2.5.2001, f'paġ. 71 tal-proċess

trasferimenti min-naħa tagħhom, maħsuba biex juru li huma qatt ma ttrasferew xejn lill-attur;

Illi l-Qorti terġa' ttenni l-osservazzjonijiet li hija għamlet fl-ewwel sentenza tagħha dwar l-imġiba tal-attur f'din il-kawża għal dak li għandu x'jaqsam mat-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu. L-attur baqa' ma bidilx l-atteġġament tiegħu lanqas wara li ngħatat l-imsemmija sentenza preliminari. Fis-sottomssjonijiet tiegħu fl-għeluq tal-kawża, l-għaref difensur tal-imħarrkin seħaq li l-ebda waħda mit-talbiet tal-attur ma tista' tintlaqa' għaliex ma tressqux provi tajbin biżżejjed biex il-Qorti tasal f'ġudizzju msejjes dwar l-istess talbiet;

Illi, bla ma tnaqqas xejn mill-konsiderazzjonijiet minnha magħmula fis-sentenza *in parte* tagħha dwar it-titolu tal-attur kif joħroġ mill-kuntratt pubbliku ta' Frar 1991, il-Qorti jidhrilha li l-imsemmija sottomissjoni hija tajba. Min-natura tal-azzjoni u tat-talbiet magħmulin mill-attur, il-wiri waħdu ta' kuntratt ma huwiex biżżejjed biex jipprova kif imiss il-pretensjonijiet tiegħu, dwar l-ebda waħda mit-talbiet imsemmija. Minbarra dan, l-imsemmi kuntratt jonqos li jagħti tagħrif essenzjali biex il-Qorti tista' tasal biex tqis is-siwi tal-istess talbiet. Minkejja ż-żmien twil mogħti lill-attur biex iressaq provi tajbin, huwa naqas li jinqeda b'dik l-opportunita'. Fil-każ tiegħu, ma kinitx biss opportunita' imma wkoll dmir[9], jekk kemm-il darba kellu tassew xi interess li jwassal il-kawża tiegħu l-port. In-nuqqas ta' twettiq ta' dmir bħal dak inissel il-massima li *actore non probante reus absolvitur*[10];

Illi m'huwiex dmir tal-Qorti li tistaqsi hija lill-parti attriċi biex tressqilha l-aħjar provi u lanqas ma huwa xogħolha li, fejn il-provi mressqa ma jkunux tajbin, tipprova tfittex hi minn rajha ħwejjeġ li l-parti nnifisha tkun naqset li tressaq quddiemha[11]. Prova li ma twassalx lil Qorti biex tqis it-talba sal-grad mistenni, ma titqiesx li twettaq id-dmir tal-

[9] Artt. 559 u 562 tal-Kap 12
[10] App. Inf. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono noe vs Sufou et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.1003**)
[11] Ara, App. Inf. PS **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Buttiġieġ et noe vs Julia Farruġia***

parti li kienet marbuta biex tipprova l-każ tagħha[12]. F'dan il-każ, ix-xhieda li ta l-attur quddiem il-Qorti sfukat, minflok iċċarat, il-prova tal-kuntratt. Kien ukoll minħabba f'hekk li l-Qorti m'għaddietx għall-ħatra ta' perit tekniku għaliex, fl-istat tal-każ, kien ikun biss infieq ta' spejjeż bla bżonn;

Illi għalhekk, il-Qorti issib li l-attur naqas li jipprova kif jixraq it-talbiet tiegħu u għalhekk sejra twarrabhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi**, billi l-attur naqas li jressaq provi tajbin kif trid il-liġi sabiex il-Qorti tista' tqishom;

**Tordna** lill-attur sabiex iħallas l**-ispejjeż tal-kawża** minbarra dawk marbutin ma' s-sentenza *in parte* mogħtija fit-28 ta' Mejju, 2008, li jridu jitħallsu mill-imħarrkin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[12] Ara App. Kumm **25.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Petrococchino noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.319**)